# IT-TLIET GRAZZJI

It-tlitt itfal bniet tas-sinjura Busuttil, armla imma fl-aħjar tagħha, kien jisimhom Mary, Lucinda u Agata; iżda kienu magħrufin b'laqamhom: Talja, Ewfrożna u Aglaja, li hu l-isem tat-tliet Grazzji tal-Mitoloġija, tfal ta' l-alla Żews.

Dan il-laqam kien mogħti lilhom minn ħbiebhom ta' l-iskola u kien tnissel minħabba li ommhom kienet dejjem tlibbishom xorta waħda u fejn kienet tmur il-waħda kienu jmorru wrajha t-tnejn l-oħra.

Iż-żgħira fosthom kienet l-iżjed waħda li jilħqilha u fl-iskola tas-Sekondarja kienet laħqet fl-istudju lil ħutha; għalhekk mela kienu jmorru t-tlieta fi klassi waħda. Lil Agata il-laqam ta' Aglaja (il Grazzja tal-Għerf) kien joqogħdilha tassew għax kienet brava; u mhux talli fil-klassi kienet l-iżgħar waħda imma wkoll ħadd ma kien jista' jeħdilha l-post ta' l-ewwel. Lil Lucinda l-isem ta' Ewfrożna (il-Grazzja ta' l-Imħabba) kien joqogħdilha wkoll għax moħħha kien biss fin-namrar u dejjem kien ikollha warajha xi...."anġlu-kustodju". Mary kienet imtajra wara l-ballijiet u kull xorta ta' xalar ieħor. Mela l-laqam ta' Talja ma kienx joqogħdilha ħażin.

It-tibjin fil-għomor bejn waħda u l-oħra ma kienx kbir; il-kbira ma kinetx ħlief sena biss ikbar mill-fustanija u din sena ikbar miż-żgħira.

Min qalgħalhom dak il-laqam aktarx xjentifiku kien ħaqqu midalja tad-deheb u naħseb li kien tahulhom wara ħafna studju u mhux kif ġieb u laħaq; madankollu l-Maltin jinqalgħu ħafna biex jaqilgħu l-laqmijiet u ftit huma dawk, kemm jekk huma għonja kif ukoll fqar, li mhumiex magħrufin b'xi laqam iżjed milli b'isimhom.

Immorru pass lura.

Missier it-tliet Grazzji kien miet qasir il-għomor u ħalliehom tant żgħar li anqas kienu jiftakruh; imma s-sinjura Busuttil kellha xi sold sewwa minn darha u għalhekk ma qatgħetx qalbha għall-futur tagħhom u rabbiethom bla ebda tbatija ta' xejn.

Mita wara l-mewt ta' żewġha bdew jitfarfru, malajr daħħlithom għand is-Sorijiet li għandhom l-Iskola fi Strada Zaccaria, għax id-dar fejn kienet toqgħod, u li kienet tagħha,

kienet fil-qrib u b'hekk naqqset ħsieb minn rasha, dak il-ħsieb li għandhom l-ommijiet kollha (u wisq iżjed meta jkunu romol) għal uliedhom li jridu ta' kull jum jaqsmu t-toroq b'periklu ta' ħajjithom.

Meta kibru xi ftit dan il-periklu beda jonqos sa kemm. għab għal kollox, imma beda jidher fix-xefaq periklu ieħor aktar, iżjed tal-ħsieb. Il-periklu tan namrati li jħobbu jiġru wara t-tfajliet....jagħmlu ħbieb magħhom. U l-periklu li kien beda jagħfas madwar il-familja Busuttil kien kbir għax ma kien hemm ebda raġel biex jaqbeż għalihom jekk qatt jaħbat għalihom....xi xifajk bil-qalziet.

It-tliet Grazzji u ommhom, nisa weħidhom, kienu jħossu ruħhom dgħajfin għal ta' kollox; u mita l-armla Busuttil bdiet tħoss il-periklu jikber malajr ħarġithom mill-iskola tas-Sorijiet u daħħlithom fl-Iskola tal-Gvern (magħrufa bħala s-Sekondarja) li tinsab fi Strada Mercanti mal-ħajt tal-Knisja ta' San Ġwann; b'hekk, peress li d-dar tagħha kienet ftit li hemm mill-Iskola, setgħet mill-gallarija tad-dar tarahom ħerġin u twassalhom, b'għajnejha, sal-bieb ta'l-Iskola u, f'nofs-in-nhar, bil-maqlub, tarahom ħerġin mill-Iskola u jidħlu d-dar.

Għalkemm it-tliet Grazzji kellhom xeħta u bixra waħda mhix bħall-oħra, madankollu kienu jinġiebu bejniethom kemm jista' jkun u kienu jafu s-sigrieti ta' xulxin kollha; u meta xi waħda minnhom kienet tkun tinsab f'xi għawġ, jew kien jinħtiġilha xi parir, malajr kienet tqiegħed quddiem il-Għaqda il-mistoqsijiet tagħha. "Il-Għaqda" ma kinetx ħaġ'oħra ħlief l-isem astratt tat-tliet Grazzji miġburin flimkien, u kellha bħala President lil Aglaja. It-tfal tas-Sinjura Busuttil mhux biss kienu jafu bil-laqam li kienu tawhom sħabhom imma ċ-ċajta kienet tant għoġbithom li huma nfishom, xi drabi, kienu jsejħu waħda 'l oħra bil-laqam u saħansitra ommhom ukoll kienet taf bih u ma ħadet xejn għaliha għax kienet tgħid li l-laqam li qalgħu lil uliedha kien juri biċ-ċar kemm kienu miġjubin u miqjumin.

Meta t-tliet Grazzji kienu waslu fl-aħħar klassijiet tas-Sekondarja u bdew jikbru ġmielhom, beda jikber magħhom xi kapriċċ ukoll, xi xewqa. U għalkemm is-sinjura Busuttil rabbiethom b'dixxiplina kbira u dejjem kienet twisshom biex ma jagħtux każ tal-kliem ta' ħbiebhom,—mhux kollha naturalment imma dawk li kellhom rashom imtajra—u li kliemhom kellu minn widna jidħol u mill-oħra joħroġ, madankollu,

isma' l-lum u isma' għada, xi ħaġa tibqa' tidwi ma' dwar it-tanbur tal-widna, u jum fost l-oħrajn Talja ipproponiet lill-Għaqda biex it-tliet Grazzji jmorru għall-Ballu tal-Borża. Aglaja, il-President, kienet kontra; imma Ewfrożna qablet mal-ħsieb ta' Talja u għalhekk Agata, għalkemm kontra qalbha, kellha, bħala President tal-Għaqda, mhux biss tqiegħed it-talba quddiem il-Mamà, imma wkoll tiddefendiha.

Ma għandna xi ngħidu xejn Agata sabet reżistenza l-aktar qawwija imma, megħjuna minn Lucinda u, iżjed u iżjed minn Mary, spiċċat biex qalgħet il-grazzja, bil-patt iżda li...."żebgħa u tiċpis fil-wiċċ u fuq id-dwiefer xejn".

Is-sinjura Busuttil, fil-qiegħ ta' qalbha, ma kinetx kontra l-ballijiet. Hija wkoll kienet tħobb ħafna tiżfen u, fi żmienha, kienet waħda mill-aħjar ballerini u l-iżjed waħda mfittxija. Issa ma kellhiex ħlief xi tnejn-u-erbgħin sena u kienet għadha fuq tagħha li tista' tgħaddi bħala oħt u mhux omm it-tliet Grazzji. Imma kienet kontra d-drawwa taż-żbigħ u għalkemm, sa issa, kien irnexxielha żżomm lit-tliet uliedha bogħod minn din id-drawwa, kellha biża' kbir li mita jibdew imorru l-ballijiet tikber fihom il-ħrara.... tat-tiċpis; u din id-drawwa ħażina riedet bil-qawwa kollha taħ-rabha. Għalhekk, mela, qabel ċediet, kellhom iwegħduha li... "żebgħa u tiċpis fil-wiċċ u fuq id-dwiefer xejn".

Id-daħla tat-tliet Grazzji fis-Sala tal-Borża, dak in-nhar tal-Ballu....bil-Mamà warajhom...qajmet għagħa kbir· Kull ħadd kien jaf li s-sinjura Busuttil, mindu romlot, ma kinetx tħobb tmur u wisq anqas tieħu lil uliedha l-ballijiet, u kull sledina li kienet saritilha minn xi ħbieb tagħha, biex tħalli lit-tliet xebbiet imorru f'xi Ballu, dejjem ġiet irrofitata.

Ħafna żgħażagħ li kienu tefgħu għajnejhom fuq it-tliet xebbiet u l-iżjed fuq Lucinda, li ma kinetx tistmerr titbissem lil dan jew lil dak, iżda qatt ma setgħu jkellmuhom għax kienu dejjem jinsabu taħt djul il-Mamà, il-lum raw iċ-ċans tagħhom; u kemm kemm ħallew lit-tliet Grazzji jinżgħu l-kapotti u jmiddu riġlejhom ġewwa s-Sala li ma bdewx iduru magħhom kif id-dubbien idur mal-għasel.

It-tliet Grazzji dak-in-nhar għamlu l-akbar furur u mita wara l-Ballu marru lura d-dar u nqaflu f'kamrithom biex jorqdu, ħassew il-ħtieġa li jisfugaw ma' xulxin dak li kienu ġabru ġo' rashom u....qalbhom, f'dawk l-aħħar ħames sigħat, u wara li żguraw ruħhom li l-Mamà kienet daħlet taħt il-friex

u raqdet, avolja għajjenin mejta, sejħu "kumitat" tal-Għaqda bil-għaġla u ltaqgħu fil-kamra tal-President.

Agata kienet l-anqas waħda li kellha xi tgħid għax kienet l-anqas waħda li tat il-wiċċ u għalhekk kienet l-anqas waħda li kellha talbiet għan-namrar. Lucinda, bil-maqlub, ma kinetx tiftakar iżjed kemm-il proposta saritilha.

Mela, bil-qmis ta' bil-lejl u bil-papoċċi f'saqajhom, nofshom imtertrin bil-bard, poġġew it-tlieta fuq ħoġor is-sodda ta' Agata jlabalbu fuq dak li kienu semgħu għall-ewwel darba f'ħajjithom. Lil Agata dawk it-tlieta jew erba' ġuvintur, mixgħula b'imħabba l-aktar qawwija, ma tantx kienu għamlu biha. Lil Mary kienu jogħġbuha dawk li jafu jiżfnu ħafna, imma Lucinda kienet tilfet rasha għal kollox, Il-Grazzja ta' l-Imħabba kienet sabet ruħha f'baħar bla tarf, b'kull ħalla għolja daqs sur...u qawwija... u ma kinetx taf taħt liema mewġa minnhom kellha tinbala'. Dawk il-ħalel ma kinux ħag'oħra ħlief dawk il-ħafna żgħażagħ, fl-aħjar tagħhom, wieħed iżjed eleganti u simpatiku mill-ieħor, u li kienu daru magħha bil-gzuz: Bertie, Żażu, Alfred, Johnnie, Pawlinu u kemm u kemm oħra; imma, ħaġa tal-għaġeb, l-isem ta' Bertie kellu setgħa fuq l-oħrajn u kien qiegħed iżarżrilha f'widnejha b'saħħa aqwa, u għalkemm ma kienx żifen magħha ħlief darbtejn biss, dehrilha li kellha għalih ġibda speċjali; imma l-Għaqda, f'dak il-lejl kiesaħ, ma setgħetx tieħu ebda deċiżjonijiet u maż-żerniq, it-tliet Grazzji, bi snienhom iċekċku ma' xulxin iżjed minn ċuqlajta, telqu lejn kamrithom ħalli jserrħu rashom fuq dawk l-imħadded tar-Rand.

L-għada filgħodu qalgħu minn għand il-Mamà ħasla mill-iprem u kellhom, b'sogħba kbira, jisimgħu sentenza l-iżjed ħarxa: Dak kien l-ewwel u l-aħħar ballu. Ballijiet qatt u qatt iżjed.

Mita ħabtu jipprotestaw, il-Mamà malajr fehmithom li Lucinda ma kinetx ġiebet ruħha biżżejjed tajjeb; mhux biss, imma wkoll riedet tidħak b'ommha. Ommha iżda ma kinetx għamja u dak l-aħmar li kienet waħħlet fuq ħaddejha u xofftejha, avolja ħafif u kemm kemm jidher, kienet lemħithulha; u ma sewa xejn li qabel telqu mill-Ballu marret taħsel wiċċha. Lucinda kienet kisret kelmitha u magħha kienu sejrin iħallsu l-laħam ħutha l-oħra: "Ballijiet iżjed xejn."

Il-kelma tal-Mamà iżda ma tantx kellha setgħa fuq dawk it-tliet frieġħen li bi kliemhom kollu dehen u għaqal kienu

ta' kull darba jdaħħlu lill-imsejkna Mamà ġewwa l-ixkora. Mary kienet issostni li minħabba Lucinda ma kellhiex tiġi miċħuda mill-ballijiet hija. Għaliha ż-żfin kien biex iħaffilha t-tbatijiet ta' ma' tul il-ġurnata u kien jiswielha bħala "sports". Lucinda kienet dejjem tgemgem li l-ballijiet jiswew biex ix-xebbiet jagħarfu lill-ġuvintur, u jekk il-Mamà kien fi ħsiebha tkompli tħaddan dan is-sistema tas-seklu li ħareġ,—jiġifieri li x-xebbiet għandhom jibqgħu dejjem id-dar — kien ikun aħjar għalihom li jmorru jsiru sorijiet. Agata kienet bi kliem magħżul u bi frażijiet ċari turi lill-Mamà li dawn id-diffikultajjiet jistgħu jkunu ta' ħsara għall-futur tagħhom.

Is-sinjura Busuttil kienet tistagħġeb kif it-tliet uliedha—għalkemm ta' karattru wieħed mhux bħall-ieħor—kienu tant jaqblu f'din il-ħaġa. Mur għidilha li dawk it-taħditiet u talbiet kienu l-frott ta' ħafna laqgħat tal-Għaqda u li dak il-kliem u ħafna argumenti kienu kollha magħżula mill-President!

Il-fatt hu li l-Mamà mhux biss kellha ċċiedi u teħodhom kultant f'xi Ballu imma qagħdet ukoll li jidħlu fil-klassi privata taż-żfin ta' Mrs. Younger għax, kif ipperswadietha Agata, ma kienx xieraq li xebbiet tal-grad tagħhom u li jiffrekwentaw il-ballijiet, kellhom jiġu ikkritikati li... ma jafux jiżfnu tajjeb.

Il-klassi ta' Mrs. Younger, li kienet tinsab fid-dar tagħha, fi Strada Mezzodi, kienu jagħmlu sehem minnha xi għoxrin xebba u għoxrin ġuvni, kollha mill-aħjar familji tal-bon-ton. Il-bniet, barra milli biex jiżfnu, kienu jmorru wkoll bit-tama li minn hemm għad jiksbu xi għarus; u s-subien, barra milli biex jiżfnu, kienu jmorru bil-ħsieb li joqogħdu jinnamraw ma' dik jew ma' din...bla ebda xkiel tal-Mamajjiet, għax fil-klassi ta' Mrs. Younger il-Mamajjiet ma kinux imorru. U mita darba fettlilha tmur is-sinjura Grixti, Mrs. Younger ġibditha fil-ġenb u qaltilha: "Kun af, Mrs. Grixti, li jiena naf biżżejjed nieħu kura tal-bniet li jiġu għandi u jekk ma tixtieqx tafdali lil bintek, aħjar ma tibgħathiex iżjed."

Is-sinjura Grixti kienet ħadet ħafna għaliha u ma ħallietx lil bintha tmur iżjed għand Mrs. Younger u qalet lill-ħbieb tagħha kollha bil-biċċa li ġralha. Għalhekk, mela, il-Mamajjiet li kienu jibagħtu lil uliedhom għand Mrs. Younger kienu jafu wisq tajjeb li ma kellhomx għalfejn jersqu 'l hemm.

Il-lezzjonijiet taż-żfin kienu jispiċċaw f'xi t-tmienja u nofs ta' fil-għaxija u xi ħames minuti qabel kont tara qabda Mamajjiet sejrin in-naħa ta' Strada Mezzodi jistennew lil uliedhom. Ma' dawn, kien ikun hemm ukoll is-sinjura Busuttil.

(*Jissokta*) IVO MUSCAT-AZZOPARDI